QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 17 ta' Mejju 2002

Numru 18

Citaz. Nru. 1220/96 FDP

Formosa & Camilleri Ltd., u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Exchange PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurata taghhom Lara Aquilina, u l-istess Lara Aquilina f'isimha proprju.

Vs

Kevin James Fenech

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li giet pprezentat fis-16 ta' April 1996 fejn gie premess:

Illi l-vettura K-6651 hija proprjeta` ta' l-assigurata *nomine* u assigurata *comprehensive* ma' l-attur hlief ghall-Lm175 *excess;*

Illi fil-21 ta' Novembru 1995 go l-Imsida waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura R-3074 ikkagunat incident mal-vettura K-6651 u kkagunat hsarat kbar liema vettura K-6651 kienet misjuqa minn Lara Aquilina;

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba nosservanza tar-regolamenti tat-traffiku u wkoll li hareg minn T-Junction ghal go triq principali fejn kienet ghaddejja l-vettura K-6651 minghajr ma ta d-dritta kif suppost u minhabba nosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu biss;

Illi l-attur hallas l-ammont ta' hames mija u sitta u hamsin lira (Lm556) fuq il-vettura K-6651; u wara li gabar Lm175 *excess* jigi li nefaq Lm381 u issa jinsab surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurata tieghu f'dan l-ammont;

Illi l-assigurata hallset Lm175 *excess* minn butha;

Illi nterpellat ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi u ghar-ragunijiet hemm citati;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' hames mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm556) jew somma ohra verjuri li tillikwida din il-Qorti, kwantu ghal tliet mija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm381) effettivament imhallsa mill-attur *nomine* u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurata tieghu u kwantu ghal mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm175) *excess* imhallsa minn Lara Aquilina, oltre s-somma ta' sitta u disghin lira Maltin (Lm96) ghal-*loss of use*[1]; jekk jinhtieg bin-nomina ta' periti u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurata tieghu;

3. Tikkundanna lil-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra datata 23 ta' Frar 1996 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra Elmo Insurance Services Ltd. u bl-imghax tat-8% fuq Lm556 mid-data ta' din ic-citazzjoni sal-hlas effettiv kontra l-konvenut;

---

[1] Kliem mizjud bid-digriet tad-9 ta' Frar 2001.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-Avukat Renato Cefai ghall-atturi, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-21 ta' Frar 1997 tal-konvenut Kevin J. Fenech fejn eccepixxa:

> Illi l-incident in kwistjoni ma garax tort unikament tal-konvenut, izda minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attrici Lara Aquilina;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikata;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li wara d-debiti premessi, huwa talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Novembru 1995 go l-Imsida sehh tort unikament ta' l-attrici Lara Aquilina minhabba imperizja, negligenza u non-osservaza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut;

3. Tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u l-imghax;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccezzjonijiet huma nulli stante li l-partijiet ma gewx korrettement indikati fl-eccezzjonijiet;

2. Bla pregudizzju l-kontro-talba hija wkoll nulla stante li l-partijiet fic-citazzjoni u fil-kontro-talba huma ghal kollox differenti;

3. Bla pregudizzju, Lara Aquilina, ma kinitx bl-ebda mod repsonsabbli ghall-incident stradali li gara fil-21 ta’ Novembru 1995 stante li ghall-habta *de quo* kien unikament responsabbli Kevin James Fenech;

4. Isegwi, li mhemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront ta’ l-eccipjenti;

5. Isegwi li l-eccipjent ma jista’ qatt jigi kkundannat ebda danni;

6. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Renato Cefai ghall-atturi, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert legali Dr Joseph Azzopardi kif ukoll ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali Dr Mark Chetcuti, Dr Rachel Montebello u Dr Joseph Micallef Stafrace;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat ir-replika tal-konvenut ghan-nota tas-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici u s-segwenti risposta ta' l-isess socjeta` attrici;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi l-eccezzjonijiet ta' l-atturi dwar in-nullita` ta' l-eccezzjonijiet u tal-kontro-talba minhabba li l-partijiet ma gewx korrettement indikati, gew irtirati minn Dr. Cefai fl-Udjenza tad-19 ta' Gunju 1997;

Illi l-incident in kwistjoni sehh nhar il-21 ta' Novembru 1995 go West Street kantuniera ma' Triq Esperanto, Msida bejn il-vettura K-6651 misjuqa minn Lara Aquilina u vettura R-3074 misjuqa mill-konvenut. Skond l-okkorrenza "*… waqt li karozza K-6651 kienet qed tinstaq go West Street, karozza R-3074 nizlet minn Triq Esperanto u l-habta saret fin-nofs tat-triq.*";

<u>Verzjoni ta' Lara Aquilina</u>:

Illi l-attrici Lara Aquilina fl-Udjenza tad-19 ta' Gunju 1997 xehdet li hija kienet ghaddejja bi *speed* normali u li l-konvenut hareg minn fuq ix-xellug taghha. Ratu biss meta kien diga` hareg ghal fuqha u ghalkemm ippruvat tibbrejkja kien tard wisq. Qalet li l-vettura tal-konvenut baqghet hierga mill-kantuniera minghajr ma waqfet u minghajr ma daqq il-horn. Fis-seduta tad-19 ta' April 1999, kontro ezaminata qalet li t-triq hasbitha *one-way* ghax is-soltu tkun *one way*, izda dak in-nhar minhabba xi xoghol f'Regional Road ma kinitx. *"Ma kontx ippreparata nsib karozza kontra tieghi".* Dwar *speed* qalet li kienet ghaddejja b'xi hamsa u ghoxrin mil fis-siegha (25 mph), pero` ma tiftakarx ezatt. Qalet li meta rat il-vettura tal-konvenut kien kwazi maghha. Kellha biss ftit hin tikser lejn il-lemin;

Carina Borg Olivier, li dak il-hin kienet riekba bhala passiggiera fil-vettura misjuqa minn Lara Aquilina, xehdet *"… we arrived at a T-Junction. The car came out from the left-hand side without stopping or hooting. Lara moved slightly to the right to give him space, when she realized that he was not going to stop …"* Kontro-ezaminata qalet li *"One would not expect a car coming from the opposite side as it is usually a one way road. ... . Defendant was about 3 to 4 metres from our car when I saw him. But it happened very fast.".*

Verzjoni tal-konvenut:

Illi Kevin James Fenech xehed li meta huwa kien niezel minn Triq Esperanto ghal go West Street kien hemm hafna karozzi pparkjati fuq il-lemin tieghu, "*… I stopped and sounded my horn. I proceeded out very slowly when Lara crashed into me. Immediately after the crash Lara came out of her car shouting, 'You stupid. Don't you know this is a one-way street?' At this point I informed Lara that in fact it was a two-way street.";*

Il-Hsara:

Illi l-konvenut ma jaqbilx ma' l-iskizz fis-sens li jinsisti li l-vetturi ma spiccawx *mudguard* ma' *mudguard*, kif jidher fl-iskizz, izda skond hu, il-*mudguard* tax-xellug tal-vettura ta' l-attrici habtet man-nofs ta' l-vettura tieghu. George Vassallo, il-*panel beater* li hadimlu fuq il-vettura tieghu, fl-affidavit tieghu ikkonferma fl-affidavit tieghu li l-*mudguards* tal-vettura tal-konvenut ma garrbu ebda hsarat, u la gew mibdula u lanqas imsewwija.

Kunsiderazzjonijiet:

L-ewwel Espert Legali:

Illi l-espert legali spjega li llum il-gurnata it-toroq in kwistjoni huma *one way*, izda billi kien qed isir xi xoghol fit-toroq fl-akkwati, dak in-nhar ta' l-incident in kwistjoni kienu qed jghaddu

l-vetturi miz-zewg nahat tat-triq, u dan mhux ikkontestat mill-kontendenti. Spjega wkoll li mhux ikkontestat ukoll li l-inkrocju in kwistjoni huwa T-Junction u li l-attrici kienet taht l-impressjoni li t-toroq kienu *one-way* tant li ma stennietx vetturi gejjin min-naha opposta taghha;

L-espert legali rrileva li fil-fehma tieghu l-aktar punt importanti mill-*punto di vista* legali huwa l-fatt li t-toroq jikkostitwixxu T-Junction b'mod li l-attrici kellha r-*right of way*. Irrileva li l-fatt li hija ma kinitx qed tistenna vetturi gejjin mill-faccata taghha m'ghandu x'jaqsam xejn mill-*punto di vista* tar-responsabbilita` ta' l-incident, peress li l-konvenut kellu l-obbligu li jieqaf meta jasal fl-inkrocju, haga li evidentement ma ghamilx. *"Kien dan il-fattur immedjat li kkawza l-incident. Kieku l-konvenut waqaf fl-inkrocju kif suppost ghamel, l-attrici kienet tibqa' ghaddejja u l-incident ma kienx isehh."* Kompla jghid li l-konvenut jidher li lahaq hareg sew minn West Street b'mod li ikkostitwixxa ostaklu li l-attrici ma setghetx tiskavalka;

Il-Periti Addizzjonali:

Illi l-periti addizzjonali qablu mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel perit illi ghall-incidenti in kwistjoni kien unikament responsabbli l-konvenut u ziedu jaghmlu is-segwenti osservazzjonijiet in risposta ghal-lanjanzi ta' l-istess konvenut;

Huma rrilevaw li Lara Aquilina kienet utenti ta' triq principali u ghalhekk hija kellha ssuq u mhux

tixref. It-*tyre-marks* taghha kienu qosra, u l-istess *tyre-marks* ifissru li hi inhasdet tant li anqas ghafset il-*brake pedal* b'sahha. Il-fatt li l-vettura ta' l-attrici dahlet f'tal-konvenut ma jfissirx li l-htija hija ta' l-attrici, u dan ghax hija, bhala utenti ta' triq principali sabet il-vettura tal-konvenut fuqha. L-utenti ta' triq principali m'ghandux isib il-passagg tieghu imblukkat u ostakolat. Dwar il-punt li l-vettura tal-konvenut kienet daqxejn izjed lura, huma irrilevaw li dan ma jaffetwax ir-responsabbilta'. Dwar il-fatt li kien hemm Land Rover ipparkjata fuq il-lemin tal-konvenut irrilevaw li dan il-fatt kien allura jimporta attenzjoni akbar da parti tal-konvenut li messu zamm aktar lejn ix-xellug biex ikabbar il-vizwali tieghu. Dwar il-fatt li l-attrici ma kinitx qed tistenna vettura hierga ma jfissirx li ma kinitx tistenna li mit-triq laterali ma setghetx tohrog vettura u tikser lejn Sliema Regional Road. Hija ma abbuzatx u ma hadet ebda riskju li ma kinitx taghmlu kieku stenniet li setghet titfacca vettura li tikser lejn il-lemin flok lejn ix-xellug.

Il-Qorti:

Illi din il-Qorti m'ghandhiex aktar xi zzid ma' dawn l-osservazzjonijiet u taddotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali. Dwar il-lanjanzi tal-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet u fir-replika tieghu ghas-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Illi dwar l-allegat *speed* eccessiv ta' Lara Aquilina, dan ma jirrizultax mill-provi, u wara kollox kif irrilevaw il-periti, l-attrici kienet *main road user* u ghalhekk mhux mistenni minnha li tkun ghaddejja imbaghad tieqaf b'kolp. Dwar il-fatt li hija xehdet li kienet ghaddejja bi *speed* normali meta *a tempo vergine* ma qalet xejn lis-surgent, il-Qorti ma tarax li hija xi haga stramba kif qed jinsisti l-konvenut. Wara kollox kif osservaw l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, il-konvenut stess lanqas stqarr "*a tempo vergine*" mas-surgent li Lara Aquilina kienet gejja bi *speed*. Dwar il-fatt li l-passiggiera intilfet minn sensiha bid-daqqa, dan ma jfissirx necessarjament li l-i*speed* kien eccessiv. Ta' min isemmi li Carina Borg Olivier ammettiet ma kinitx liebsa s-*seat belt*, u ghalhekk mhux xi haga stramba li bl-ghafsa tal-*brake* hija habtet rasha mal-*windscreen*;

Illi dwar l-allegazzjoni li kieku Aquilina ma habtitx mal-vettura tal-konvenut il-*brake marks* maghmulin mill-vettura taghha kienu jkunu itwal, jista' jkun li fil-fatt hekk hu l-kaz, izda dan xorta ma jippruvax li l-i*speed* kien eccessiv - *se mai* kif irrilevaw l-atturi fin-nota taghhom, hija ippruvat taghfas il-*brakes* biex tevita l-incident, filwaqt li Fenech mhux talli ma ghafasx il-*brake* talli baqa' hiereg. Il-konvenut jallega li l-attrici kienet aljenata u meta intebhet bil-vettura tal-konvenut ma kellhiex bizzejjed zmien biex tieqaf: dwar dan ghandu jinghad li l-fatt li kellha tieqaf juri ampjament car li l-konvenut ostakolalha l-passagg taghha, haga li ma jmesshiex sehhet fl-ewwel lok. Il-konvenut qed jitfa' t-tort fuq l-attrici meta jghid li kellha c-cans

kollu biex tbiddel id-direzzjoni u biex toqghod tikkonsidra jekk il-konvenut kienx ser jieqaf jew le, u jinsisti li l-habta saret ghax dan m'ghamlitux u ghalhekk baqghet diehla fil-vettura tal-konvenut. Bir-rispett kollu, *main road user* m'ghandux ikun f'posizzjoni li jkollu joqghod jaddatta s-sewqan tieghu ghal dak ta' *side road user*, imma *vice versa*. Il-fatti li jirrizultaw mill-provi juru li l-konvenut fixkel il-passagg ta' l-attrici, hasadha u minkejja li ghafset il-*brake* ma setghetx tevita l-habta. Mhux il-kaz li wiehed joqghod jargumenta li l-attrici seta' kellha cans tinduna bih u li ma kinitx attenta bizzejjed ghall-"ostaklu" li kkrealha l-konvenut bil-manuvra tieghu! Dwar il-fatt li kienet il-vettura ta' l-attrici li dahlet f'dik tal-konvenut, dan il-punt diga` gie trattat mill-periti addizzjonali. Rigward l-allegazzjoni li l-vettura tal-konvenut spiccat aktar lura minn kif indikata fl-iskizz, dan kif diga` gie rilevat mill-periti ma jaffetwax ir-responsabbilta;

Fir-replika tieghu l-konvenut jargumenta li ma jistax ikun li kien gej bi *speed* qawwi u baqa' diehel go Aquilina peress li kien ghadu kemm gej minn liwja u *di piu`* jirrizulta li l-vettura ta' Aquilina spiccat "*parallel to the pavement*" u mhux mitfugha gol-karozzi pparkjati fuq il-lemin taghha. Il-Qorti pero` ma tifhimx ir-rilevanza ta' dan l-argument. Il-fatti kif jirrizultaw mill-provi juru li l-konvenut baqa' hiereg minn *side street* ghal go *main road* b'mod li fixkel il-passagg ta' l-attrici. Dan huwa bizzejjed biex jinkolpa lill-konvenut;

Illi l-Qorti ma taqbilx li l-konvenut ha l-prekawzjonijiet kollha qabel ma hareg ghal go West Street. Il-fatt li kien hemm Land Rover tostakolalu l-vizwali m'ghandhiex tiskulpah mit-tort anzi turi li kien allura jinkombi fuqu li juza aktar prudenza meta kien gej biex idur ghal go West Street. Certament kienet haga sfortunata ghalih li kien hemm il-land rover tostakolalu l-vizjoni izda ghalhekk messu qaghad aktar attent. Huwa jghid li kien wieqaf imbaghad paqpaq, hareg bil-mod u saret il-habta. F'sitwazzjoni fejn il-vizwali hija ostakolata wiehed irid jittanta l-hrug tieghu bil-mod u jkun lest li jerga jieqaf, ghal darba, darbtejn u anke iktar jekk hemm bzonn. Il-konvenut jista' jkun li kien fil-fatt wieqaf fil-kantuniera (li minn dak l-angolu ma tantx kien qed jara sew), imbaghad jghid li paqpaq, hareg bil-mod, u saret il-habta. Il-fatt li huwa paqpaq ma jtihx id-dritt li jaqbad u johrog, anke jekk bil-mod. Evidentement meta huwa paqpaq u hareg ma kienx qed jara sew x'kien gej minn wara l-Land Rover. Certament mhux mistenni minn sewwieq f'sitwazzjoni bhal din li huwa jibqa' hemmhekk minghajr qatt ma jiccaqlaq, imma li seta' jaghmel il-konvenut hu li jisporgi bicca zghira u jerga' jieqaf u mhux ikompli hiereg "*alla cieca*". Huwa iddecieda li jiehu riskju meta ittanta li jaghmel dik il-manuvra kollha nonostante l-vizwali ostakolata tieghu. Fir-replika tieghu jichad li ha "*a gambler's risk*" izda l-fatti juru mod iehor. Minn fuq qed jippretendi li l-attrici kellha c-cans tibbrejkja hekk kif indunat li ostakolalha l-passagg u li l-habta saret propju ghax dan m'ghamlitux!

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-habta saret unikament minhabba negilgenza u imprudenza da parti tal-konvenut meta ostakola l-passagg ta' l-attrici, li minkejja li ghafset il-*brake* ma rnexxilhiex tevita l-incident.

Danni:

Illi dwar id-danni, l-atturi esebew id-dokumenti relattivi kollha, anzi fil-fatt l-ispiza kienet oghla mit-talba kontenuta fic-citazzjoni u ghalhekk saret talba biex is-sorte tizdied b'Lm96 minhabba l-*loss of use*. Il-parti l-ohra ma oggezzjonatx. Fil-mori tal-kawza saret korrezzjoni f'dan is-sens. Dr. Renato Cefai, rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Limited fix-xhieda tieghu ikkonferma li l-ammont indikat fic-citazzjoni ta' LM556 (fit-traskrizzjoni tax-xhieda l-ammont gie skorrettement indikat bhala Lm565) gew imhallsa mis-socjeta` attrici hlief ghall-Lm175 *excess* li giet imhallsa minn Lara Aquilina. L-istess Aquilina ukoll ikkonfermat li hallset il-Lm175 *excess* u *di piu`* kellha l-ispejjez tal-kiri tal-karozza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

Wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talbiet tieghu;

Tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm652);

Tilqa' t-Tielet Talba u tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd l-ammont ta' tliet mija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm381) u lill-attrici Lara Aquilina l-ammont ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm271);

L-ispejjez u l-imghax mid-data tac-citazzjoni jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur